**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 10 ta' Mejju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Mario Haber**

**Vs**

**Igli Halili**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Igli Halili, Nazzjonalita' Albaniza, imwieled f'Klos, l-Albanija fis-16 ta' lilju 1995, iben Skander u Shkurta, bla residenza f'Malta u detentur ta' Passaport Albaniz BE2583168;

Talli nhar fis-7 ta' Jannar 2016 f'dawn il-gzejjer:

1) Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Karta ta' l-Identita' u Permess ghar-Residenza jew uza jew kellu fil-pussess tieghu Karta ta' Identita' u Permess ghar-Residenza li hu kien jaf li giet iffalsifikata, imbiddla jew sar xi tibdil fiha, f'isem Francesco Portulano, bin-numru AX2148234;

2) Kif ukoll akkuzat talli matul l-isetss zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija;

3) Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fl-10 ta' Mejju 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 189 tal-Kap 9, l-Artikolu 5 tal-Kap 61 u l-Artikolu 32(1d) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni  u qieghda tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**